MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Talba Numru. 35/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Gejtu Xerri (Id. 215567M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mija, wiehed u tmenin ewro u erba u hamsin centezmu (€181.54), in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21807563. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi, l-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2010 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici tal-15 ta' Dicembru 2010, li biha cediet it-talba taghha fir-rigward tas-sorte mhallas fil-mori tal-kawza u zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

**Dr. Veronica Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------